# ħajja Salesjana

MEJJU-ĠUNJU 2009
il-209 Ħarġa



## Don Bosco u Il-Madonna tal-Konsolata

## Why the World Needs Salesians

## Għeluq il-50 Sena mill-Mewt ta' Piju XII

SALESIANS DON BOSCO

*Fl-1877, Dun Bosco beda jippubblika "Il Bibliofilo Cattolico". Wara sentejn, semmih - Bollettino Salesiano". Kien joħorġu bi ħsieb li jgħaqqad lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-ħidma Salesjana fid-dinja kollha, billi jwasslilhom tagħrif fuq il-ħajja tal-Kongregazzjoni Salesjana. Tagħlim siewi għall-ħajja Nisranija. Insibuh imxerred mad-dinja kif iddur, mitbugħ f'aktar minn għoxrin ilsien ewlieni ... fosthom il-Malti wkoll fiċ-ċokon tiegħu. F'sena jitqassmu 'l fuq minn għaxar miljun kopja. Hawn Malta joħroġ taħt l-isem 'ħajja Salesjana' u kull xahrejn, barra x-xhur tas-sajf – Lulju, u Awissu. Jitqassam b'xejn lil kull min jitolbu. Għalhekk wieħed jista' jikteb lill-Editur:*

*Ħajja Salesjana*
*c/o St. Patrick's School, Triq San Ġwann Bosco,*
*Sliema SLM 1925, Malta.*
*Tel: 2133 0238  e-mail: joecini@onvol.net*

**Jieħu ħsieb** Fr. Joe Cini SDB

**Bord Editorjali** Fr. Paul Formosa SDB
Margaret Buhagiar
Andre' Camilleri
Josie Grech

**Jgħinuh ukoll** Fr. Charles Cini SDB
Eileen Alden
Joyce Scicluna
Joe M. Busuttil

Ħajr minn qalbna lill-ħbieb tagħna li jibagħtu xi ħaġa tal-flus għan-nefqa biex il-Ħajja Salesjana jista' jintbagħat b'xejn lil

- Dawk li mqar bit-talb tagħhom jgħinu fil-ħidma Salesjana
- Dawk li jgħinu l-vokazzjonijiet għall-ħajja Reliġjuża Salesjana

*Infakkru lill-qarrejja tagħna li l-ħidma Salesjana Maltija tinfirex ukoll fl-Afrika ta' fuq, fit-Tuneżija.*

## Fuqiex se naqraw

Qima Lejn il-Papa 3
Pedagoġija Salesjana 5
Calendar of Events 7
Don Bosco u Il-Madonna tal-Konsolata 8
Why the World Needs Salesians 10
Crimes 7 12
Għeluq il-50 Sena mill-Mewt ta' Piju XII 15
Something to think about... 18
Pius XII and the Holocaust 20
Kburin bil-Qaddis Tagħhom 21
San Ġużepp Għalliem tal-Familja 2 22
Alla jgħin lil min jgħin ruħu 24
The Maltese Salesian Past Pupils Association of Victoria Australia 1959 ~ 2009 26
The Life of St. Paul (3) 28
Don't We All? A story 30
Where Is Home? 31
Could God be calling Me? 32
A Combined Feast of Importance for the Congregation 34

Designed & Printed by Salesian Press

SALESIANS DON BOSCO

# Qima Lejn il-Papa

Il-komunità Salesjana, kull filgħodu, tinġabar għat-talb u tispiċċa l-laqgħa tagħha b'talba ta' konsagrazzjoni. Waħda mill-eqdem talbiet li għandha hija ndirizzata lil Marija Għajnuna ta' l-Insara, u fiha jingħad dan il-kliem, "…għallem lilna wkoll kif nikbru…fil-qima tagħna lejn il-Papa u l-Isqfijiet kollha.''

Aħna nħobbu ngħidu li Dun Bosco ħallielna tlitt imħabbiet speċjali: lejn l-Ewkaristija, lejn Marija Għajnuna ta' l-Insara u lejn il-Papa. Dawn aħna nippriedkawhom u nxerrduhom kull fejn immorru, u ngħallmuhom lill-istudenti nsara kollha tagħna. Nafu li fil-ħajja ta' Dun Bosco kif ukoll fl-istorja tal-Kongregazzjoni tagħna tinsab aktar minn okkażjoni waħda meta l-Papa wera xi xewqa minn tiegħu mas-Superjur tagħna, u dan malajr ra kif għamel sabiex il-kongregazzjoni twettaqha. B'kuraġġ u sagrifiċċju, kienu jinstabu Salesjani sabiex jitwettaq dak il-proġett mixtieq mill-Papa.

Issa din is-sena qiegħdin infakkru s-70 sena minn meta l-Papa Piju XII kien ġie elett Papa: 2 ta' Marzu 1939. Dan waqt li s-sena l-oħra l-Knisja fakkret il-50 sena mill-mewt tiegħu: 9 ta' Ottubru 1958. F'din id-data l-Papa Benedittu XVI, fuq talba tal-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin, iddikjara lil Piu XII 'Venerabbli'. Kien ittamat li dan ir-rikonoxximent tal-virtujiet ta' Papa Pacelli jwassal fit-tiemha l-kontroversja fuq jekk hu kienx ħadem biżżejjed biex jiddefendi u jgħin lil-Lhud u vittmi oħra tan-Nazi. Imma dak li ġara kien li xi persunaġġi, Lhud u mhumiex, minn diversi bnadi tad-dinja, talbu lill-Papa jwaqqaf dan il-proċess lejn il-qdusija ta' Piu XII. Xi whud kienu totalment kuntrarju, oħrajn talbu li jgħaddi aktar żmien sakemm ma jiġux studjati dokumenti li hemm fil-Vatikan fuq dan il-każ.

Ta' min jaqra u jistudja dan il-perjodu ta' l-iStorja: Storja tal-Knisja u Storja ta' l-Ewropa. Ħafna dokumenti qiegħdin jiġu miflija u qed jinkixfu veritajiet moħbija. Aħna s-Salesjani wkoll qiegħdin nagħtu s-sehem tagħna f'dan, kif tistgħu taqraw f'din il-ħarġa ta' 'hajja Salesjana' f'artiklu fuq is-Simposium li sar f'Ġerusalem, 'Pius XII and the Holocaust'. Aqraw ukoll l-istorja ta' dan il-Papa fl-artiklu l-ieħor, 'Għeluq il-50 Sena mill-Mewt ta' Piu XII'.

Minħabba din l-oppożizzjoni lejn il-Papa, kif ukoll minħabba l-ħafna kritika anti-kattolika li qiegħda tinstema mad-dinja, deherli li kelli nippubblika dan l-editorjal u dawn l-artikli fuq Papa Pacelli.

# Respect Towards the Pope

When the Salesian community gathers for the morning prayers, it ends its meeting with an 'Act of Consecration'. One of the oldest prayers we recite is addressed to Our Lady Help of Christians, and in it we say these words, "…show us how to imitate… 'Don Bosco's' loyalty to the Pope and the Bishops of the Church."

We love to repeat that Don Bosco has left us three special loves: of the Eucharist, of Our Lady Help of Christians and of the Pope. We preach and spread these three loves, and teach them to all our Christian students. We know that in Don Bosco's life and in the history of our congregation there are several instances when His Holiness expressed some desire to our Superior, and this was taken as a command and quickly done. With courage and sacrifice, Salesians would be found to carry out the desired project.

Now, this year we are recalling the 70th anniversary of the pontificate of Pope Pius XII: 2nd March 1939, while last year the Church recalled the 50th anniversary of his death: 9th October 1958. On this date, at the request of the Congregation for the Causes of Saints, Benedict XVI declared Pope Pius XII as 'Venerable'. It was hoped that this recognition of the virtuous life of Pope Pacelli would bring to an end the controversy over whether he did enough in defense of the Jews and other victims of the Nazis. But what happened was that from certain quarters, both Jewish and not, and from different parts of the world, requests were sent to Benedict XVI to stop the process towards sainthood of Pius XII. Some people were totally opposed to it; others asked that more time be given to study related documents found in the Vatican.

It would be interesting to read and study this period of history: history of the Church and history of Europe. Many documents are being examined and new truths are emerging. We Salesians also are contributing to this research, as you can read in this number of ħajja Salesjana in the article about a Symposium held in Jerusalem: 'Pius XII and the Holocaust'. Please read also about Pius XII in the other article: 'Għeluq il-50 Sena mill-Mewt ta' Piu XII'.

I felt I should write this editorial and publish the articles about Pope Pacelli because of certain opposition to His Holiness, and also because of the anti-catholic criticism being bandied around the world.

Fr. Joe



# Pedagoġija Salesjana

**Kummenti fuq li 'Strenna 2009': "Moviment Kbir Favur iż-Żgħar"**

*Minn Pascual Chaves - Trad. Joe Cini SDB*

## L-Istess Kariżma, l-Istess Missjoni

*L-ewwelnett iż-żgħar: huma r-rigal ta' Alla lill-Familja Salesjana (FS). Ma humiex biss dawk li għalihom naħdmu; huma wkoll l-istess vokazzjoni tagħna. Il-Mulej wera lil Dun Bosco li ż-żgħar, u speċjalment dawk l-aktar fil-bżonn, huma l-ewwel mira, u dik prinċipali, tal-missjoni tagħna*

**Kif diġà kont għidtilkom**, għeżież qarrejja, il-kbira FS għandha l-istess kariżma u l-istess missjoni: dik ta' ħidma favur l-edukazzjoni u l-ġid morali u spiritwali ta' l-ifqar tfal u l-aktar abbandunati. Din l-esperjenza hija l-qofol ta' min kien Dun Bosco, id-don tiegħu u ta' dawk kollha li jimxu wara l-qalb kbira tiegħu. Din il-vokazzjoni partikulari kienet dik is-sejħa speċjali li f'aktar minn okkażjoni waħda l-Mulej sejjaħlu għaliha permezz ta' ħolm profetiku u ta' osservazzjoni attenta tas-sitwazzjoni soċjali ta' Turin fi żmienu. Wara l-1850 tfal u żgħażagħ niżlu bi ħġarhom mill-kampanja lejn l-ibliet sabiex isibu

xogħol bi ftit ħlas fl-industriji, fil-lant tal-bini, fil-ħwienet tax-xogħol. Ħafna minnhom, weħidhom, mingħajr tagħlim, bla saqaf fuq rashom saru vittmi ta' l-inġustizzja, l-abbuż, il-vjolenza; mimlija dubji, biża', għaks u bl-ebda ferħ tal-ħajja; xi wħud saru kriminali żgħar. *"li tara qtajjiet ta' żgħażagħ… f'saħħithom,, moħħhom tajjeb… imbagħad tarahom mitluqa jitgħażżnu, mikulin bil-briegħed u l-qamel, neqsin mill-ikel tar-ruħ u tal-ġisem …dan werwirni."* (G.Bosco: Tifkiriet ta' L-Oratorju, 141).

**L-ewwel ħaġa mela:** Dun Bosco kien jaf jagħraf is-sitwazzjoni soċjali u jiġbed tagħlimiet minnha. Fih inxtegħlet ħniena kbira lejn dawn iż-żgħar. Meta rahom hekk magħkusin ħass bżonn urġenti li jipprovdilhom *post ta' kenn* kif ukoll *mod ta' edukazzjoni* jaqbel ma' ħtiġijiethom. *'Ħafna drabi sirt naf li mhux ftit minnhom… kienu mitluqa għal riħhom. "Min jaf?" għedt bejni u bejn ruħi, "li kieku dawn iż-żgħażagħ kellhom jiltaqgħu ma' ħabib li jieħu ħsiebhom, jgħinhom, jgħallimhom ir-reliġjon nhar il-festi… min jaf jekk ikollhomx il-ħila jżommu ruħhom 'il bogħod mill-għawġ jew talanqas jitnaqqas il-għadd ta' dawk li jinsabu maqfulin il-ħabs?'' Dawn il-ħsibijiet qsamthom ma' Dun Cafasso u fuq il-kelma mdawla tiegħu qgħadt naħseb u ngħarbel f'moħħi, intella' u nniżżel kif nista' nidħol għal din il-biċċa xogħol'* (G.Bosco: Tifkiriet ta' L-Oratorju, 142).

**It-tieni ħaġa li nosservaw:** il-ħeġġa pastorali li kienet timbotta lil Dun Bosco sabiex, b'mod kreattiv u ġeneruż, ifittex soluzzjoni għal dawn l-isfidi li kienu jirrekjedu strutturi ġodda li joħolqu l-possibiltà li tinbidel il-ħajja ta'dawn iż-żgħażagħ f'dinja aħjar.

**Dun Bosco ried "jippreveni"** jew jaħseb minn qabel għaż-żgħażagħ billi qabel ma jitħassru, jilqagħhom malli jaslu Turin biex ifittxu xogħol jew malli jkunu abbandunati mill-ġenituri tagħhom. Beda billi offrielhom edukazzjoni bbażata fuq tħejjija għax-xogħol u li tgħinhom jirbħu lura l-istima u l-kunfidenza fihom infushom. Ma' dan pprovdilhom ambjent mimli ferħ, ħbiberija u valuri morali. Kien hemm ħafna tfal, imma l-ħtiġijiet kienu aktar; huwa uża l-enerġiji kollha tiegħu filwaqt li beda jibni "armata ta' msieħba'' li tkun tista' twieġeb għall-emerġenza edukattiva ta' dawk iż-żminijiet. <u>Il-Familja Salesjana kienet se tkun din l-armata</u>: seminaristi, qassisin, sorijiet, lajċi impenjati, sinjuri u foqra, miżżewġa jew m'humiex, flimkien ma' l-istess ġuvintur li issa li kibru, setgħu jsiru leaders fost sħabhom. U qatt ma kellu biżżejjed: huwa fehem kemm kienet importanti dil-missjoni għas-salvazzjoni taż-żgħar mil-lat uman, soċjali, morali, spiritwali u reliġjuż.

Għeżież qarrejja, aktar ma nsir naf il-Kongregazzjoni aktar jien konxju ta' l-isforzi kbar li l-FS għamlet sabiex tkun fidila għal din il-missjoni ta' għajnuna lil dawk iż-żgħar li bosta drabi s-soċjetà tinjora: tfal li huma dgħajfa u mwarrba, dawk li ma jirnexxux, dawk li jiġġerrew fit-triqat, tfal suldati, tfal ħaddiema, tfal użati fil-misħut turiżmu sesswali. Illum ukoll hemm ħafna x'wieħed jagħmel. Għalhekk qiegħed insejħilkom sabiex timtlew bil-ħeġġa ta' Dun Bosco. "Flimkien nirnexxu!'': aktar minn slogan politiku din għandha tkun l-għajta ta' dawk li jemmnu fit-tajjeb. Flimkien nistgħu noffru liż-żgħażagħ toroq ta' tama u ta' twettiq sabiex hekk tirnexxi l-ħolma ta' Dun Bosco li narawhom ferħana, l-ewwel fuq din l-art imbagħad fil-ġenna. Jiena wkoll, suċċessur tiegħu, għandi ħolma: li nara l-FS mġedda fil-kariżma u mimlija ħeġġa għal din il-missjoni.

# CALENDAR *of Events*

CALENDAR OF SALESIAN FEASTS & EVENTS

**MAY**

| | | |
|---|---|---|
| Fri | 1 | First Friday Devotions at 6.15 p.m.(St. Patrick's) and 7.30p.m. (Oratorju) |
| Sun | 3 | Lectio Divina at Savio College |
| Mon | 4 | Start of Holy Rosary and Mass in St. Patrick's Church, at 6.30 p.m. Monday to Friday, all month |
| Wed | 6 | **St. Dominic Savio**. Sports Day at Savio College. Sports heats at St. Patrick's School. Festivity at Salesian Oratories. Sliema Salesian Cooperators' meeting |
| Fri | 8 | Dingli Salesian Cooperators' meeting at 6.30 p.m. |
| Sun | 10 | Prayer Day for Salesian Missions |
| Wed | 13 | **St. Mary Domenica Mazzarello** (Co-Foundress of the Salesian Sisters with Don Bosco) |
| Sat | 16 | Dingli Salesian Cooperators' Promise |
| Fri | 22 | Akkademja in honour of MHC at Savio College |
| Sun | 24 | Procession of Mary Help of Christians in Sliema at 6.00 p.m. |
| Mon | 25 | Liturgical Feast of Mary Help of Christians. Day of Celebration of 150 Anniv. Found. Salesian Congregation |
| Fri | 29 | **Bl. Joseph Kowalski** (Polish. Killed in Auschwitz in 1942) |

**JUNE**

| | | |
|---|---|---|
| Wed | 3 | Sliema Salesian Cooperators' meeting |
| Sun | 7 | Oratory Day at Sliema Oratory. Lectio Divina at Savio College |
| Wed | 10 | Prayer Day for Salesian Missions |
| Fri | 12 | **Bl. Francis Kesy & Companions** (Polish Oratory Youths killed by Nazis in 1942) |
| Sat | 13 | Form 5 Graduation Ceremony at Savio College |
| Wed | 24 | **Feast day of the Rector Major**. Traditional Day when Past Pupils feasted Don Bosco. Day of Celebration of 150 Anniv. Found. Salesian Congregation. |
| Sun | 28 | Mnarja Night at Salesian Oratory, Sliema & at Savio College |
| Mon | 29 | **Sts. Peter and Paul**: MNARJA |

**JULY**

| | | |
|---|---|---|
| Wed | 1 | Sliema Salesian Cooperators' meeting; outing and new members' Promise. |
| Sat | 4 | Bl. Piergiorgio Frassati |
| | 6 – 10 | SDB Annual Retreat |
| Tue | 7 | **Bl. Maria Romero Meneses FMA** (from Nicaragua) |
| Fri | 10 | Prayer Day for Salesian Missions |
| Mon | 13 | Start of Summer School at Oratory, Sliema |

For any other info about the Salesians: **www.sdb.org**
Salesians in Malta: **www.salesiansmalta.org** / **www.salesiantheatremalta.com** / **www.saviocollege.edu.mt** / **www.spysmalta.org/spysint** / **www.stpatrickspastpupils.org** / **www.vocations.salesiansmalta.com**

*(N. Cerrato / J. Cini)*

# Don Bosco u Il-Madonna tal-Konsolata

***Fiż-żona tal- 'Becchi' (Pjemonte – Italja) hemm niċċa tal-ġebel li nbniet qrib is-sena 1700. Mhux il-bogħod minnha llum insibu dar Salesjana li tilqa' fiha żgħażagħ pellegrini li jiġu jżuru t-Tempju u d-dar fejn twie led Dun Bosco, fuq 'colle Don Bosco'.***

Hija In-niċċa tal-Konsolata, bi statwa tal-Verġni Marija ġo fiha, dejjem meqjuma b'xi bukkett fjuri tal-għelieqi miġjuba mid-devoti tagħha. It-tfajjel Ġanni Bosco għadda kemm-il darba minn quddiem dik in-niċċa, ineħħi l-kappell u jgħid xi sliema u qaddisa, kif kienet għallmitu jagħmel ommu Margerita.

Fl-1958 is-Salesjani rrestawraw din in-niċċa qadima. Imbagħad, b'ċerimonja solenni, inawgurawha għal darba oħra għall-kult tan-nies ta' l-inħawi, kif insibu miktub fil-kronaka ta' dik is-sena fl-arkivju ta' l-Istitut 'Bernardi Semeria'. Dik l-istatwa mela, mhux bogħod minn daru, setgħet kienet l-ewwel xbieha ta' Marija Santissima li Dun Bosco qiem fi tfulitu.

## Lejn il-Konsolata ta' Turin

Kien għadu student fis-seminarju ta' Chieri meta, naħsbu, li Dun Bosco seta' mar Turin sabiex iqim lill-Verġni Marija Konsolata (MB I, 267-268). Li nafu biċ-ċert hu li, meta laħaq saċerdot, iċċelebra t-tieni quddiesa tiegħu proprju fis-santwarju tal-Konsolata "sabiex niżżi ħajr" – kif kiteb – "lill-Kbira Verġni Marija għall-ħafna favuri li qalgħetli minn għand id-Divin Binha Ġesù" (S. Gwann Bosco, 'Tifkiriet' p132).

F'dak iż-żmien imbagħad, meta l-Oratorju kien jiċċaqlaq minn post għall-ieħor, Dun Bosco kien imur mat-tfal tiegħu ġo xi knisja ta' Turin għall-quddiesa tal-Ħadd. Bosta drabi ħadhom ukoll il-Konsolata (MB II, 248, 346). Fix-xaħar ta' Mejju ta' l-1846 u 1847, sabiex jiżżi ħajr lil Verġni Konsolatriċi talli kienu sa fl-aħħar sabu dar stabbli, kien tella' hemmhekk lit-tfal tiegħu sabiex jitqarbnu devotament, filwaqt li t-twajbin Oblati Ta' Marija, ir-reliġjużi li jieħdu ħsieb is-Santwarju, semgħu il-qrar tat-tfal. (MB II, 430).

Meta, fis-sajf ta' l-1846 Dun Bosco marad sew, it-tfal tiegħu mhux biss wrew is-sogħba tagħhom bid-dmugħ li bkew, imma mbeżża' li l-kura tat-tobba ma kinetx se tkun biżżejjed għall-fejqan tiegħu, kollha kemm huma, wieħed wara l-ieħor, kienu jmorru fis-Santwarju tal-Konsolata, jitolbu lill-Madonna li tfejjaq lill-ħabib u missier tagħhom marid. Kien hemm fosthom min għamel xi wegħda, ta' tifel li kien, u min sam ħobż u ilma sabiex il-Madonna tisimgħu. It-talb tagħhom wasal u Dun Bosco wiegħed lil Alla li sa l-aħħar nifs ta' ħajtu kien sejjer jgħix u jaħdem għalihom.

Iż-żjarat ta' Dun Bosco u t-tfal tiegħu lill-Konsolata komplew. Darba kienu ġew mistiedna jkantaw quddiesa fis-Santwarju. Dun Bosco wasal hemm mal-kor tat-tfal li kien għaqqad fi ftit jiem u kantaw quddiesa miktuba minnu stess għall-okkażjoni. Dun Bosco innifsu kellu jdoqq l-orgni, u t-tfal



kantaw mill-aħjar li setgħu. L-ilħna safja tagħhom ġibdu l-ammirazzjoni u s-simpatija tal-fidili li kienu hemm għall-quddiesa (MB II, 148).

## Żjarat ta' Sikwit

Mill-1848 sa l-1854 Dun Bosco kien jitlaq mat-tfal tiegħu f'purċissjoni, matul it-toroq ta' Turin, sas-Santwarju tal-Konsolata. Il-qriemeċ tiegħu kienu jkantaw innijiet tal-Madonna matul it-triq, u meta jaslu jisimgħu l-quddiesa li kien jiċċelebra hu stess. Meta mietet ommu Margerita, nhar il-25 ta' Novembru 1856, Dun Bosco mar dik l-għodwa stess iqaddes quddiesa b'suffraġju għal ruħha fil-kappella ta' isfel tas-Santwarju. Wara waqaf jitlob ħin twil quddiem ix-xbieha ta' Marija Konsolatriċi, jixtieqha bil-ħniena li tkun hi, issa, kemm ommu u kemm omm it-tfal tiegħu. U Marija Santissma laqgħet it-talb tiegħu (MB V, 556).

F'dan is-Santwarju tal-Konsolata, Dun Bosco mhux biss kellu okkażjoni li jqaddes, imma darba ġietu wkoll l-okkażjoni sabiex għin il-quddiesa. Meta daħal f'dil-knisja sabiex jagħmel vista lis-Sagrament, sema' l-qanpiena tas-sagristija ddoqq għall-quddiesa; induna li ma kienx hemm abbatin. Malajr qam u telaq lejn is-sagristija, qabad il-missal, ħareġ mas-sacerdot li kien se jqaddes u għin il-quddiesa bl-akbar devozzjoni. (MB VII, 86). U dawn iż-żjarat ta' Dun Bosco ma waqfu qatt, speċjalment fl-okkażjoni tan-novena u tal-festa tal-Konsolata.

## Statwa tal-Konsolata fil-Kappella

Nhar it-2 ta' Settembru 1847, għall-prezz ta' 27 liri Taljani, Dun Bosco xtara statwa żgħira tal-Madonna Konsolatriċi u poġġiha fil-kappella ta' l-Oratorju (il-Kappella Pinardi). Fl-1856, bdiet titwaqqa' dil-kappella u Dun Francesco Giacomelli, ħabib ta' Dun Bosco minn żmien is-seminarju, xtaq iżomm għalih dik li hu sejjaħ il-monument l-aktar sinifikattiv tat-twaqqif ta' l-Oratorju. Hu ħa l-istatwa lejn dar il-familja tiegħu fir-raħal ta' Avigliana. Ġara mbagħad, li oħt Dun Giacomelli riedet li tinbena, qrib id-dar tagħhom, niċċa sabiħa u fiha poġġiet dik l-istatwa tant prezzjuża.

Meta s-Salesjani saru jafu b'din il-ġrajja tan-niċċa tal-Madonna f'Avigliana, u wara li nies il-familja Giacomelli kienu kollha mietu, irnexxielhom jakkwistaw lura dik l-istatwa antika. Hekk, nhar it-12 ta' April ta' l-1929 nġabet lura fl-Oratorju ta' Turin, wara 73 sena minn meta Dun Giacomelli kien ħadha mill-ewwel kappella Pinardi (Giraudi, L-Oratorio di Don Bosco. SEI 1935). Illum, din l-istatwa żgħira u storika hija rikordju uniku ta' l-imgħoddi, u hija meqjusa bħala teżor għażiż u prezzjuż.

Dun Bosco, li xerred id-devozzjoni lejn Marija Għajnuna ta' l-Insara mad-dinja kollha, qatt ma nesa l-ewwel devozzjoni tiegħu lejn il-Verġni Mbierka tal-Konsolata, li hu kien iqim sa minn ċkunitu fuq-il-kolonna qrib Becchi. Meta wasal Turin, saċerdot djoċesan żagħżugħ, fil-jiem qalbiena ta' l-ewwel Oratorju tiegħu, kien isib fil-Verġni Konsolatriċi dawl u fehma, kuraġġ u faraġ għall-missjoni li l-Mulej kien afdalu. Anke minħabba f'dan, Dun Bosco huwa meqjus bħala qaddis Turiniż ewlieni.

# WHY THE WORLD *Needs Salesians*

**By María de la Torre**

***Interview with the Superior-General of Sisters of Don Bosco, Mother Yvonne Reungoat elected superior-general of the Salesian Sisters of Don Bosco, the Daughters of Mary Help of Christians, in October 2008.***

The Salesian charism has a special task in today's world, marked by what Benedict XVI calls an "educational emergency." At the beginning of the celebrations marking the 150th anniversary of the Salesian family, Mother Reungoat (MR) speaks about her new mission and the importance of Salesian charism.

***Q: What did you feel upon being elected mother superior of the Salesian sisters?***

**MR:** When I was elected, I was surprised. I did not expect this election. However, one knows that when one gives one's life to the Lord, He can ask whatever He wishes, which often is not what we ourselves want. It was a moment of surprise, but also of some disconcert, yet always of much confidence. What is most important is that my life belongs to the Lord. When one feels small and poor before a mission, at that moment one feels more strongly the need for confidence and help. It was a moment of great trust in him and in Mary Help of Christians, because Don Bosco, and our founder Mother Maria Mazzarello, always said that Mary Help of Christians was the senior founder of the institute. So



I felt that she took me by the hand, I feel her present in my life and I count on her. I had the experience, at the same time, that the Lord was asking me and giving me the gift of a new maternity: to carry in my heart all the Daughters of Mary Help of Christians worldwide. And along with them so many young people, so many lay persons who share the mission with us in the whole world. This is a most beautiful experience.

***Q: What has changed in your life since then?***

**MR:** From the personal point of view, for the time being nothing has changed much, but my sense of responsibility has changed. Now I cannot think of myself, as every moment of my life becomes a gift for others, a gift for my sisters and for the whole institute. I have had the experience of a great call, first of all to holiness, because I think that what is most important is the quality with which one gives one's life to the Lord, letting oneself be enraptured by him to be able to be a channel of his.

Then one feels the responsibility of being a bond of communion in a great family such as ours, which extends to every continent, to different cultures, called to a continual interrelationship and to carry out together in unity a common mission to the young.

### *Q: What do the Salesians offer today's world?*

**MR:** What we Salesians can offer today's world is an educational mission, a commitment in the field of education. There is so much talk today, and Benedict XVI has mentioned it many times, that we are living a moment of educational emergency. We feel it, increasingly, as our responsibility and as the current task of our charism: to educate the youth of today, taking into account the great challenge of a society that constantly changes at great speed; to be in constant search in order to answer these challenges, having in mind the plan God has for humanity. This educational mission is a great responsibility for us, but also a great stimulus, a challenge that commits not only us, but also many lay persons that collaborate with us. That is why a synergy must be created with other institutions that seek to make an effort in education.

### *Q: What does it mean to continue the way of Don Bosco and of Mother Mazzarello?*

**MR:** To continue the way of Don Bosco and Mother Mazzarello today is to live the pedagogical style, which is the style of the "preventive system", a system based on confidence in young people making them feel loved, so that they can come to believe that God really loves them; to help them to discover and develop all their resources so that they become leaders in the construction of the society of today and of tomorrow. Don Bosco had this great passion to help young people grow as human beings, find their place in society and in the Church, and discover God's place and presence in their lives; from this experience to become preachers of Jesus to other young people. This is an important challenge for us: to make young people leaders of this proclamation, missionaries in the midst of other young people to help them find the meaning of their lives. We, all together, must be witnesses so as to help them to find God, who is close to them, who gives meaning to their lives.

### *Q: Where do you yourself find the strength to carry out this responsibility?*

**MR:** Several elements strengthen me. One is knowing that I am not alone as I feel supported by prayer, commitment and affection of all my sisters worldwide. I have seen the commitment and dedication of so many Daughters of Mary Help of Christians worldwide who with much courage, joy and love give their life with passion to their mission. Another element that supports me is the vocations that the Lord continues to send to the Institute from different parts of the world. Vocations are more numerous in some parts and less in others, but worldwide every year a certain number of young people continue to hear this call from God and choose to say "yes" to our family. This is a sign of God's confidence in us, of the importance of our vocation and of constant renewal.





# Crimes 7

Abridged extracts

**_Excerpts from the book " Crimes of the Inocent" by Fr. Charles Cini S.D.B._**

# My grave was already allotted

**_Meditations near the grave of a young man who died with drug overdose_**

"The Show Must Go On" is the title of the song of Freddie Mercury (Queen) who died because of drugs and aids. People continue to die because of drugs, sometimes without being noticed by anyone. Very few die with an overdose but many die indirectly, after a long time in the world of addiction. It is incredible how we do not want to accept the fact that we are living in a mess.

Some time ago, a priest sent me a message with another priest, friend of mine. "Tell Fr. Charles to shut up, we are fed up of hearing him preaching the same sermon about drugs. He is wasting his time." To this priest and to many other Maltese citizens, including certain authorities who do not want to see the drug plague we have in Malta, I am going to report the dialogue which I had at the Addolorata Cemetery with one of the many drug victims of these last years. I switched on my tape recorder and these are the words I managed to record from my friend drug addict.

"Pass the tray around, I used to hear when, at the age of fourteen, I was invited to a coke party. It is difficult to explain to you the excitement I used to feel as soon as the tray started to go round, artistically displayed with lines of coke. It is all free of charge, on the house. You

do not want to believe that in Malta, 13 year olds take drugs? They do, not only because they like it but also to look cool and to be accepted in the scene, in the society; but people give the impression that nothing is happening. Several times I also gave my body to another, mainly to have money to buy some coke. "

Then he added: "Drugs in Malta are easy to find: all types, and at any time of day and night. Some times I am mad with grief and try to put down my rebellious act when I see that drugs are in the open. Especially on week-ends, people arrive at the various discos in Malta already stoned; but others get drugs there. Three together in a toilet and they enjoy it. Please tell the parents…to live up to the responsibility of their mission as the first in the list to fight the drug problem in Malta. Let them not be deceived by their children as I used to deceive my own parents. I was so shrewd and so weak but how much weaker my parents! I tried to get out of this horrible world but I fought alone."

When I asked him about the situation in Malta, he told me: "Who are the real poor young people in Malta today? In the same convertible flashy cars which go around to impress people, there you find young people poor in values. In the groups of teenagers on their roller-blades, there you might find the weak and most prone of Maltese society... Tell young people in Malta and Gozo that at the moment the only winners are the barons... Life is a wonderful gift, do not waste it…Tell them to fight for their dignity. They are being used by society. The insecurity and dissatisfaction that they are facing is the main cause of the catastrophe we are living today! The worst is that people seem to be happy about it... Young people are against any type of sacrifice, hard work, commitment, continuity and stability.





For them life is enjoyment. Sometimes they don't appreciate what is being done for them."

After resting a bit he continued: "Even the Maltese Media sometimes are not up to telling the true story of the drug problem in Malta. They find space for all futile things, but very little to fight the drug problem. Do the state, the church, the families know the real problem? Who is running the show in Paceville, the barons or the young people themselves?..."

After this he burst into tears and shouted: "A word of advice to all Maltese citizens. Speak up and defend the innocent who are becoming, even without wanting, the victims of drugs. You are responsible more than others to organize the battle. You speak about everything: VAT, taxes, economy, export, tourism, culture but seldom about drugs! Do not be cowards. Are you afraid? If only the people responsible had acted more quickly and more decisively, many would certainly have had a longer and better life. Man is disorientated. As a result, both his personal and social life have become a dramatic struggle between good and evil, between light and darkness. Please do something about it. People in Malta know the sources of the problem. Why do they not speak? They prefer to remain silent and keep their mouths shut. Even the Mafia prefers the conspiracy of silence."

My interlocutor sent me away with tears in his eyes. I thanked him for the wonderful teachings he gave me, these coming from his first hand experience.



# Għeluq il-50 Sena mill-Mewt ta' Piju XII

***Ftit 'il fuq minn 50 sena ilu, preċiżament fid-9 ta' Ottubru 1958 miet Papa Piju XII. Kien papa għal 19- il sena, mill-1939 sa l-1958. L-ewwel snin tal-pontifikat tiegħu kienu wieħed mill-ikreh żminijiet fl-istorja tad-dinja, jiġifieri t-Tieni Gwerra Dinjija.***

**Il-ħajja fil-qosor**

Ewġenju Pacelli twieled Ruma fit-2 ta' Marzu 1876 minn familja nobbli. Ġie ordnat saċerdot fit-2 ta' April 1899. Fl-1920 ġie maħtur Nunzju Apostoliku fir-Repubblika ġdida tal-Ġermanja. Ftit żmien wara tfaċċa Adolf Hitler fix-xena internazzjonali. Fl-1929 il-Papa Piju XI għamel lil Ewġenju Pacelli kardinal, u ftit wara, Segretarju ta' l-Istat. Peress li kien jaf ħafna lingwi ġie mibgħut mill-Papa bħala legat tiegħu f'laqgħat, ċelebrazzjonijiet u kungressi internazzjonali. B'hekk sar midħla ta' personalitajiet għoljin fid-dinja politika.

Fit-2 ta' Marzu 1939, wara l-mewt ta' Piju XI, ġie elett Papa u ħa l-isem Piju XII. Hawn beda l-Pontifikat twil tiegħu, wieħed mill-iktar diffiċli u ta' tbatija, li qatt rat id-dinja matul elfejn sena.

Fl-ewwel Radjumessaġġ tiegħu fit-3 ta' Marzu 1939, naraw il-preokkupazzjoni kbira li kellu: *"F'dan iż-żmien ta' ansjetà, waqt li l-kapijiet tan-nazzjonijiet qishom ma jridux il-vera paċi, li hija x-xewqa ħerqana ta' kulħadd, jiena nitlob mill-qiegħ ta' qalbi sabiex l-Mulej idawwal il-moħħ ta' dawk li għandhom ir-responsabbiltà li jmexxu l-popli tagħhom lejn il-prosperità u l-progress.''*



Ta' diplomatiku kbir li kien, ipprova minn kollox biex iwarrab il-gwerra li kienet tidher fil-qrib, billi jindirizza personalment lill-kapijiet tal-gvernijiet. Permezz tar-Radju, f'Awissu ta' 1939 għamel appell li ħareġ mill-qiegħ ta' qalbu: *"Huwa permezz tal-ftehim u mhux ta' l-armi li l-ġustizzja tintlaħaq...* ***Xejn ma jintilef bil-paċi, kollox jista' jintilef bil-gwerra.***'' Il-vuċi tiegħu baqgħet mhux mismugħa. Fl-1 ta' Settembru tal-1939 il-Ġermanja nażista invadiet lill-Polonja. Il-gwerra kienet bdiet. F'qasir żmien parti kbira mill-Ewropa sabet ruħha fil-gwerra. Fi tmiem l-1941 il-Ġappuniżi attakkaw Pearl Harbour.

Il-gwerra saret dinjija.

## Il-Leħen tal-Papa

Piju XII, f'din "***is-siegħa tad-dlamijiet***'' ħadem lejl u nhar biex itaffi it-tbatijiet ħorox permezz ta' radjumessaġġi (aktar minn 200) b'diversi ilsna, mad-dinja kollha. Hu stess f'Lulju ta' 1943 mar fil-kwartier ta' San Lorenzo u ta' San Giovanni, Ruma, ifarraġ lil dawk li ndarbu waqt il-bumbardament. Meta fil-15 u 16 ta' Ottubru 1943 ħafna Lhud ħarbu mill-getto ta' Ruma, il-Vatikan imtela bir-refuġjati li raqdu saħansitra fil-kurituri.

Il-vuċi tal-Papa baqgħet tisħaq: 'gwerra kontra din il-gwerra...li qiegħda ġġib tbatijiet tal-biżgħa li jmorru kontra kull sens nisrani u uman.'' (1 ta' Marzu 1944).

Meta spiċċat il-gwerra, l-Unjoni Sovjetika, li kienet fost in-nazzjonijiet rebbieħa, irnexxielha tieħu taħt il-kontroll tagħha nazzjonijiet qrib biex iġġibhom taħt is-setgħa tagħha. Il-Papa wissa li *"dan għad jista' 'l quddiem iqajjem inkwiet ieħor.''*

Matul il-Pontifikat kollu tiegħu Papa Piju XII għamel minn kollox biex jiddefendi l-paċi, il-libertà reliġjuża, u d-dinjita' umana ta' popli mhedda mill-komuniżmu. Kien bniedem ta' spiritwalità profonda u li qatt ma jieqaf mix-xogħol . Kien devot ħafna tal-Madonna u matul is-Sena Mqaddsa tal-1950 iddikjara id-domma ta' Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem.

*Miet fid-9 ta' Ottubru tal-1958.*

## Radd il-Ħajr lil Piju XII

Issa qiegħdin nistennew li l-Knisja tiddikjara uffiċjalment il-qdusija tiegħu. Id-digriet tal-Beatifikazzjoni lest, jonqos biss il-firma tal-Papa Benedittu. Milli jidher "inkwiet'' ieħor qiegħed jiġri wara dan il-papa kbir. Huwa akkużat minn xi komunitajiet Lhud, li matul it-tieni gwerra dinjija ma tkellimx biżżejjed biex iwaqqaf il-persekuzzjoni min Nażi kontra l-Lhud. Fil-fatt, saru bosta u bosta dikjarazzjonijiet mil-Lhud stess li jixhdu kemm għamel Piju XII, u l-Knisja Kattolika favur il-Lhud, matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

Insemmu biss xi wħud minn eluf li jinsabu fl-arkivji tal-Vatikan.

Fis-7 ta' Settembru 1945 **Ġużep Nathan** kummissarju ta' l-*Għaqda Komunità Lhudija* irringrazzja uffiċjalment lill-Papa u lir-reliġjużi rġiel u nisa, għal dak kollu li għamlu mal-Lhud, b'sogru kbir, ma' tul il-gwerra (Osservatore Romano, 8 Ottubru 1945).

Fil 21 ta' Settembru 1945 **Dr. A. Leo Kubowitski**, segretarju tal-*Kungress Mondjali Lhudi* mar personalment għand Piju XII biex jirringrazzjah ta' kull ma għamlet il-Knisja Kattolika favur il-Lhud. (Oss. Rom. 23 Settembru 1945.

Fid-29 ta' Novembru 1945, **80 Delegat** ta' Lhud li kienu nħelsu mill-kampijiet ta' konċentrament fil-Ġermanja, "*stqarru kemm kienu onorati li setgħu jirringrazzjaw personalment lill-Papa għall-ġenerożità li għamel magħhom ma' tul iż-żmien ikrah tan-Nażismu u Faxxiżmu.* (Oss. Rom. 30 Novembru 1945).

Ir-Rabbi **Israel Zolli** li matul il-gwerra kollha kien kap ta' waħda mill-eqdem komunitajiet Lhud u direttur tal-"Collegio Rabbinico Italiano,'' kellu ħafna kuntatti



ma' Piju XII, u seta' jara mill-qrib kemm għamel il-Papa għall-komunitajiet Lhud. Meta fil-bidu ta' l-1945 il-persekuzzjoni Nażista kienet spiċċat, sar nisrani u ħa l-isem Euġenju bħala sinjal ta' radd il-ħajr lill-Papa Eugenio Pacelli. Bintu **Myriam** f'intervista fl-1998 qalet: "Wara l-gwerra, missieri qalli, *issa tara, is-silenzju li d-dinja kollha żammet quddiem id-delitti Nażisti iwaħħluh fuq il-Papa.''*

Fil-fatt, la l-Gvern Amerikan, la l-Ingilterra u l-anqas ir-Russja, ma għamlu ebda protesta pubblika, għalkemm kienu jafu li kienu jeżistu kampijiet ta' konċentrament u gas chambers (kmamar tal-gass)

fejn mietu eluf ta' Lhud. Ewġenju Zolli kien profeta.

## Imma Veru s-Skiet tal-Papa?

Nisimgħu l-kliem tiegħu stess: "*Ħafna drabi kelli ħsieb niskomunika n-Nażismu, u ngħarraf lid-dinja bil-kruha li tkexkxek li hi l-qerda tal-Lhud. Kont naf li kienet tista' ssir tpattija ħarxa mhux kontra l-persuna tiegħi, iżda kontra l-imsejkna Lhud stess li kienu sabu ruħhom taħt il-ħakma Nażista. Wara ħafna qsim il-qalb u talb wasalt għall-konklużjoni li l-protesta tiegħi ma kienet sejra tagħmel ġid lil ħadd, anzi kienet tqajjem ħruxija akbar kontra l-Lhud. Forsi l-protesta uffiċjali tiegħi kienet tikseb xi tifħir lili mid-dinja, imma kienet iġġib persekuzzjoni akbar kontrihom.* (G. Galeazzi Gariboldi)

Din kienet il-konvinzjoni ta' Piju XII u kienet ikkonfermata minn dak li ġara fl-Olanda. Il-Ħadd 26 ta' Lulju 1942 fil-Knejjes Kattoliċi kollha ta' l-Olanda inqrat Ittra Pastorali tipprotesta dwar id-deportazzjoni ta' familji sħaħ ta' Lhud (aktar minn għaxart elef ruħ). Ir-riżultat kien li aktar minn 40,000 ġew trasportati lejn il-kampijiet ftit wara - fosthom Edith Stein, soru Karmelitana kanonizzata mill-Papa Ġwanni Pawlu II, u oħtha Rosa.

Meta Piju XII sar jaf b'din it-traġedja mar fil-kċina u hu stess ħaraq żewġ folji ta' kitba waqt li qal: *Din hija l-protesta tiegħi kontra l-persekuzzjoni tal-Lhud. Il-lejla kienet se tidher fuq l-Osservatore Romano. Imma jekk il-protesta ta' l-isqfijiet Olandiżi kkawżat il-qtil ta' erbgħin elf ruħ, il-protesta tiegħi tista' tkun kawża ta' mitejn elf. Mela aħjar naħdem fis-skiet bħal ma għamilt s'issa.* (Xhieda ta' Sr. Pascalina Lenhert. Cfr. Avvenire 7 t'Ottubru 1998).

Issa nafu li n-numru ta' Lhud li nħelsu mill-mewt permezz tal-knisja, refuġjati fil-kunventi, fil-knejjes, fil-Vatikan u fl-istituti reliġjużi, jilħaq aktar minn miljun. Fl-omelija waqt il-quddies fil-50 anniversarju mill-mewt ta' Papa Piju XII, Papa Benedettu XVI qal: "*Nitolbu biex il-kawża tal-beatifikazzjoni ta' Piju XII tispiċċa b'wiċċ il-ġid.''*

Din hija wkoll it-talba tagħna f'għeluq il-50 sena mill-mewt tiegħu u f'għeluq ukoll tas-70 sena mill-elezzjoni tiegħu bħala Papa.

***(Mitt-Taljan Il Tempio di Don Bosco Novembre 2008: Trad. J. Fonde SDB).***

# Something to

## The Devil's Beatitudes

*If the Devil were to write his Beatitudes, they would probably go something like this:*

*Blessed are those who are too tired, too busy, too distracted to spend an hour once a week with their fellow Christians in Church - they are my best workers.*

*Blessed are those Christians who wait to be asked and expect to be thanked - I can use them.*

*Blessed are the touchy, with a bit of luck they may stop going to church - they are my missionaries.*

*Blessed are those who are very religious but get on everyone's nerves - they are mine forever.*

